MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tat-23 ta' April, 2015

Rikors Numru. 287/2015

**Rikors ghall-hrug ta' Mandat *in Factum* Numru 487/2015/LSO fl-ismijiet:-**

**Richard Attard detentur tal-karta tal-identita` numru 510158M**

**vs**

**Adolph Baldacchino detentur tal-karta tal-identita` numru 339973M**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

**Rat ir-rikors ta' Richard Attard fil-kapacita' tieghu bhala Direttur tas-Socjeta' kummercjali bl-isem Newco Steel Limited li ghandha n-numru ta' registrazzjoni C-11310 in kwantu l-istess socjeta' hija kreditrici ta' Adolph Baldacchino,**ipprezentat fil-25 ta' Marzu 2015 fejn talab il-hrug ta' mandat ezekuttiv *ai termini* tal-artikoli 385 sa 388 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta *ossia* mandat *in factum*, kontra l-intimati.

Ir-rikorrent ippremetta li b'sentenza moghtija fl-4 ta' Ottubru 2010 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili gie kanonizzat kreditur tal-intimati fis-somma ta' sitta u ghoxrin elf, seba' mija u hamsa u disghin ewro u sebghin centezmu (€26,795.70) rapprezentanti hlasijiet dovuti lis-socjeta' kummercjali Newco Steel Limited fuq bejgh ta' materjal u xbieki bejn is-sena 2008 u 2009 (**DOK RA1).**

Jirrizulta mir-rikors promotur li din is-sentenza giet appellata izda sussegwentement giet dikjarata dezerta. Skont ir-rikorrent l-intimat qed juza l-makkinarju legali u l-process legali u gudizzjali sabiex ikompli jtawwal iz-zmien qabel ma jissalda d-debitu tieghu u li din l-evazjoni civili u kummercjali ssarraf f'detriment serju u f'pregiudizzju lejn l-interessi finanzjarji ta' l-istess socjeta` kummercjali Newco Steel Limited u ghalhekk qed issir din il-talba sabiex Adolph Baldacchino fl-ahhar ikun kostrett jonora l-obbligi tieghu ghall-hlas tal-ammont premess.

Rat id-Digriet taghha tal-25 ta' Marzu 2015 fejn il-Qorti ordnat in-notifika tal-intimat b'jumejn (2) zmien biex iwiegeb u appuntat ir-rikors ghat-trattazzjoni ghad-9 ta' April 2015.

Rat li l-intimat, debitament notifikat, ma pprezentax risposta.

Rat il-verbal taghha tad-9 ta' April 2015 fejn meta ssejjah ir-rikors, deher Dr. Johan Debono ghar-rikorrent prezenti, u deher Dr. Joseph Gatt ghall-intimat prezenti. L-avukati ttrattaw ir-rikors u d-difensur tal-intimat ipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu verbalment. Id-difensur tar-rikorrent talab li jigi awtorizzat li jressaq nota ta' sottomissjonijiet. Il-Qorti cahhdet it-talba izda awtorizzatu jressaq nota ta' referenzi fi zmien jumejn millum bin-notifika tad-difensur tal-intimat li kellu jumejn zmien biex iwiegeb b'nota ta' referenzi.

Ir-rikors gie differit ghad-digriet finali ghat-23 ta' April 2015.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Rat in-noti ta' riferenzi ipprezentati mid-difensuri tal-partijiet fil-15 ta’ April 2015.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha pprezentati.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Permezz tat-talba odjerna r-rikorrent *nomine* qed jitlob il-hrug ta' Mandat *in Factum* kontra Adolph Baldacchino in ezekuzzjoni ta' sentenza li llum ghaddiet in gudikat fl-ismijiet **Richard Attard fil-kapacita' tieghu bhala Direttur tas-Socjeta' Kummercjali bl-isem Newco Steel Limited v Adolph Baldacchio u ghal kull interess li ghandha martu Joanne Baldacchino** deciza minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fl-4 ta' Ottubru 2010. Skont din is-sentenza hu gie kanonizzat kreditur fl-ammont ta' €26,795.70.

L-intimat, permezz tad-difensur tieghu, fit-trattazzjoni eccepixxa li t-talba odjerna hija insostenibbli legalment peress li l-obbligazzjoni li r-rikorrent qed jittenta jezegwixxi hija obbligazzjoni *di dare* u mhux obbligazzjoni *di fare*. Inoltre talba simili li timmira ghad-detenzjoni ta' persuna ghall-hlas ta' debitu civili hija inkompatibbli mal-Artiklu 1 tal-Protokoll 4 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali li tipprojbixxi prigunerija ghal dejn.

Fattwalment mhuwiex ikkontestat li d-dejn dovut lir-rikorrenti ghadu mhux saldat. Ir-rikorrent nomine esebixxa kopja tas-sentenza in ezekuzzjoni mill-liema jirrizulta li l-Qorti laqghet it-talbiet attrici sabiex l-intimati jigu inibiti permanentement u b'mod definittiv milli jbieghu, inehhu, jittrasferixxu jew jiddisponu *inter vivos* sew b'titolu oneruz jew gratuwitu minn xi proprjeta` "*b'mod partikolari d-dar residenzjali u matrimonjali bl-isem ta' 'Silver Shadow' ta' 24, fi Triq is-Selq Zabbar."* Difatti fir-rikors odjern, ir-rikorrent jippremetti li ghadu intenzjonat li jenforza d-drittijiet kreditarji u monetarji tieghu fuq din id-dar.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DRITT**

Il-ligi taghna ma taghtix definizzjoni ta' *mandat in factum.* Skont l-**artikolu 385 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta :-**

"***385.*** *(1) Fl-eżekuzzjoni tal-mandati in factum, l-uffiċjal eżekuttiv tal-qorti għandu jimxi bħal ma jkun ġie ordnat fil-mandat.*

*(2) Il-mandat għandu jkun fih l-ordni li l-eżekutat għandu jiġi*

*meħud il-ħabs, sabiex hemm jinżamm bi spejjeż tiegħu nnifsu, sakemm ma jagħmilx il-fatt ordnat b'sentenza, jew sakemm il-qorti jidhrilha li hu meħtieġ sabiex tiżgura l-eżekuzzjoni ta' dak il-fatt.*

*(3) Il-mandat m'għandux jinħareġ ħlief b'ordni espressa tal-*

*qorti mogħtija fuq talba magħmula b'rikors mill-kreditur.*

*(4) Il-qorti għandha biss toħroġ il-mandat jekk tkun sodisfatta li l-kreditur ma għandux mezz ieħor ta' eżekuzzjoni."*

Ikkonsidrat li t-talba ghall-hrug ta' mandat *in factum* hija regolata a bazi ta' dak li gie stabbilit u kkonfermat fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **"G. Xuereb vs D.Xuereb"** (App.Civ.Nru: 807/1983/1 – 27 ta' Marzu 2003) fejn il-Qorti kkwotat minn sentenza moghtija minnha stess fit-2 ta' Lulju 1975 fl-ismijiet **"Anna mart Charles Bonnici et vs Vincenza xebba Camilleri et"** fejn inghad li:-

*"Illi skont il-klassika distinzjoni ta' l-obbligazzjonijiet, kif rikonoxxuta fl-art. 1169, 1170 u 11712 tal-Kodici Civili taghna, dawn jitqassmu f'obbligazzjonijiet "di dare", "di fare" u "di non fare". Skont l-art. 1169 l-obbligazzjoni "di dare" dejjem tirriferixxi ghal "haga". Din il-klassifikazzjoni kellha parti importanti fil-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati dwar il-hrug ta' mandat 'in factum' taht l-art. 386 tal-Kodici tal-Procedura Civili (Kap. 153) billi, nonostante certa oxxillazzjoni f'din il-gurisprudenza dik l-aktar segwita hi li l-mandat 'in factum' ma jistax jintalab ghall-ezekuzzjoni ta' obligazzjoni 'di dare', anke jekk ordnata b'sentenza, imma jista' jintalab ghall-ezekuzzjoni ta' obbligazzjoni 'di fare'. Kif gie deciz mill-Imhallef Dottor Giovanni Pullicino fl-ismijiet **"Pace Bonello vs Gatt"** (Koll. Vol. XVI.II.340) : 'Per la spedizione del mandato in factum e' necessario l'inadempimento di un fatto personale del debitore. L'obbligo di pagare una somma di denaro o di consegnare o depositare una cosa determinata, anche quando tale obbligo nasce da sentenze, consiste in una obbligazione di dare e il suo inadempimento non conferisce al creditore il diritto di chiedere contro il debitore la spedizione del mandato in factum."*

Il-Qorti ta' l-Appell fil-kaz ta' **Xuereb v Xuereb,** kompliet, b'riferenza ghas-sentenza fil-kaz **Bonnici v Camilleri** li "*B'dan il-mod, pero`, din il-Qorti f'dik il-kawza kkonfermat il-gurisprudenza prevalenti li fil-kaz ta' obbligazzjoni "di dare" ta' haga jew hwejjeg il-mandat in factum ma hux applikabbli. Din il-Qorti ma tara ebda raguni impellenti ghala ghandha tiddipartixxi minn dan l-insenjament."*

Din il-Qorti tikkondividi din il-pozizzjoni li tirritjeni li f'dak li jirrigwarda l-inapplikabilita' tal-mandat odjern ghall-obbligu ta' pagament ilha kostanti. B'hekk il-Prim'Awla tal-Qorti Civili b'sentenza moghtija fil-15 ta' April 1987 fil-kaz fl-ismijiet **Cutajar utrinque** (Vol.IV,73.) irriteniet li "*Un mandato in factum non puo'essere spedito kontro un debitore che*

*mancasse di pagare una somma di denaro da lui dovuta."*[1] L-istess gie ritenut fil-kaz **Schembri utrinque,** Vol.III.835: "*Il mandato in factum non puo essere autorizzato nel caso di inadempimento di una obbligazione di dare."*[2]

Ikkonsidrat li r-rikors odjern hu monk anke minn aspett iehor fondamentali billi jirrizulta li r-rikorrent ghadu ma ezawrixxiex ir-rimedji kollha li ghandu biex jezegwixxi l-kreditu tieghu. Difatti ppremetta hu stess li bi hsiebu jipprocedi in ezekuzzjoni fuq id-dar matrimonjali tad-debitur. Kif gie ritenut fil-kaz fl-ismijiet **Cassar utrinque (**29 ta' April, 1870 - Vol. V,332)" *Sebbene il mandato in factum sia, secondo l-art.301, Cod.Proc.Civ., uno degli atti, mediante i quali una sentenza puo' avere la sua esecuzione, e' evidente pero' che la spedizione di un tale mandato, avuto riguardo alla lettera ed allo spirito dell'art.176,Ord.VII,1868, e degli altri artikoli relativi alla spedizione di un mandato di arresto personale,non puo'aver luogo che quando, tutti gli altri mezzi di esecuzione fossereo interament inefficaci."*

**Art 1. Protokoll 4 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (Kapitolu 319).**

L-intimat tramite d-difensur tieghu accenna ghad-dispozizzjoni **tal-Artikolu 1 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea** waqt it-trattazzjoni u ssottometta li t-talba odjerna hija inkonsistenti ma' dan l-artikolu.

---

[1] Rapportat fil-volum *Giurisprudenza sul Procedura Civile* ta' Gius. Cremona, Vol.1 p 834. fejn insibu riferenza ghall-**Pace Bonello v Gatt -** P.A. 2 April 1903 -Vol.XVI .II.341**;Sceberras v Dedomenico -** 10 Novembrru, 1901 - XVIII.II.274;

[2] Op.cit. p.587.

Dan l-artikolu, *res* applikabbli fl-ordinament giuridiku taghna permezz **tal-artikolu 2 tal-Kap 319** tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi hekk:

"*Hadd m'ghandu dritt li jigi privat mill-liberta' tieghu unikament minhabba l-inkapacita' tieghu li jwettaq obbligazzjonijiet kontrattwali."*

Dan l-artikolu hu spjegat mill-awturi **Harris, O'Boyle & Warbrick**[3] **"***Article 1 is limited in its application by the words' merely on the ground of inability to fulfil' an obligation."* Slont l-interpretazzjoni awtorevoli taghhom "*The term ' deprivation of liberty' is that found in Article 5 of the Convention and can be taken to have the meaning that it has there. Under Article 5(1)(b) of the Convention, a person may be deprived of his liberty for non-compliance with a lawful order of a court.This could include a court order that results from the failure to fulfil a contractual obligation.The effect of Article 1 is that, for parties to the Fourth Protocol, the detention of a person for failure to comply with such a court order merely because that person is unable to comply with the contractual obligation concerned is prohibited."*

L-applikabilita' tal-mandat *in factum* ghall-kaz odjern gja hu eskluz. Izda anke fid-dawl tal-artiklu premess tal-Konvenzjoni, l-istess talba ma tistax tirnexxi. Ir-rikorrent qed jezegwixxi sentenza tal-Qorti fejn gie kanonizzat kreditur tal-intimat ghall-prezz ta' materjal mibjugh u ikkonsenjat u cioe`, minhabba l-inadempjenza kontrattwali tieghu.

## III. DECIDE.

[3] *Law of the European Convention on Human Rights* (3rd Ed.) p 953.

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi, tichad it-talba.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.**

**Degretat.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------